

Għażiż Djarju Habib,

Ommi ma, x'ħolma kerha kelli dal-lejl! Tal-waħx! Qomt kollni għaraq, qalbi tħabbat sitta sitta. Kont qiegħda fl-ajruport ta' Heathrow, waħdi, nistenna fil-kju tad-dwana, mejta biex nasal lura Malta. Meta miss lili, l-uffiċjal beda jħarisli bl-ikrah, u qalli li l-passaport tiegħi skadut! Temminha?! Dak mhu xejn. F'daqqa waħda nsib ruħi fi speċi ta' rokit, marbuta ma' siġġu. Mit-twejqa tonda nara l-pajjiżi tal-Ewropa, kollhom strixxi tal-konkos qishom xibka tas-sajd. Fuqhom, fis-sema, kien hemm rokits oħra, kull rokit b'wiċċ mat-twejqa, u fuq għbin kull wiċċ, stilla sewda. Hekk kif il-blu tas-sema sfuma fl-iswed u bdew ifiġġu l-kwiekeb, rajt wiċċi stess rifless fil-ħġieġa tat-twejqa. Kelli stilla mitbugħa fuq għbini wkoll, u ġo fiha l-kliem "ILLEGAL ALIEN", bil-maqlub. Kienu qegħdin jiddeportawna mid-Dinja!!

Uff, allaħares qatt jiġru dawn l-affarijiet! X'biża', ma ngħidlekx! Kif ħriġt mis-sodda, l-ewwel li għamilt, awtomatikament, ftaħt il-kexxun tal-komodina u ħriġt il-passaport Malti. Mhu skadut xejn, anzi, baqaġħu erba' snin. Għall-erwieħ! Bil-kliem "Unjoni Ewropea" fuq il-qoxra, u bis-salib ta' Malta fuq kull paġna ta' ġewwa, inħossni protetta, u naf li nista' nivvjaġġa mingħajr inkwiet. Bdejt nisfuljah, u bdew jiġuni tifikiriet sbieħ, ta' meta morna l-Awstralja biex inżuru liz-zijiet, u ta' meta morna l-Patagonja u rajna l-balieni u l-pingwini. Ħasra li m'hemmx timbru ta' meta tlajna sa Sqallija (ħames darbiet f'sentejn, u lanqas timbru wieħed li hu wieħed!), jew ta' meta kont Madrid ma' tal-iskola!

Dak għax l-Italja u Spanja, bħal Malta, qegħdin fiż-żona Schengen, fejn iċ-ċittadini tal-Ewropa jistgħu jiċċirkolaw liberament, mingħajr passaport, il-karta tal-identità biżżejjed. Anzi, aħjar hekk! Il-kuġina, li bħalissa qiegħda tistudja f'Metz fuq il-programm tal-Erasmus, m'ilux irrakkuntatli kif, darba minnhom, issellfet rota u saqitha tul ix-xatt tax-xmara Moselle – f'ġurnata waħda, kienet Franza, il-Lussemburgu, u l-Ġermanja, u ovvjament il-fruntieri qasmithom mingħajr kontrolli. Baqgħet għaddejja qisu xejn mhu xejn, ħielsa daqs ir-riħ.

Ix-xahar id-dieħel telgħin narawha ftit. Nispera li dak il-vjaġġ bir-rota nagħmluh aħna wkoll. Min jaf xi pjaċir! U kieku mhux għax il-karti tal-identità Maltin ormaj skaduti kollha kemm huma, kieku l-passaport nistgħu nħalluh id-dar!